MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 334/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mark Attard**

Il-Qorti:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mark Attard talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att Nru. XXIII ta' l-1998 u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, matul ix-xahar ta' Awwissu 2010 u/jew fix-xhur ta' wara, naqas li jipproduci dokumentazzjoni, kotba, dokumenti u/jew kontijiet, wara li gie mitlub sabiex jaghmel dan permezz ta' posta registrata u/jew korrespondenza datata 3 ta' Awwissu 2010, 13 ta' Awwissu, 2010 u 24 ta' Awwissu 2010 rispettivament, mibghuta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud

u/jew minn rapprezentant tieghu sabiex jaghmel dan, u dan bi ksur ta’ artikoli 53(b) u 76(c) u 81 ta’ l-istess Att.

F’kaz ta’ htija l-Qorti giet mitluba tordna lill-imsemmi Mark Attard jikkonforma ruhu mal-ligi fi zmien bizzejjed sabiex jaghmel dan, u fin-nuqqas timponi multa ta’ mhux inqas minn €5 u mhux aktar minn €20 ghal kull jum li fih jibqa’ inadempjenti;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Lulju 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 53(b) u 76(c) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Mark Attard hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu in kwantu tirreferi ghal dak rikjest minnu relattiv ghas-sena 2009 u kkundannatu multa ta’ seba’ mitt euro (€700). Inoltre l-ewwel Qorti, b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 76 ta’ l-istess Kapitolu 406 ordnat lill-istess Mark Attard sabiex fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza appellata jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta’ hmistax-il euro (€15.00) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Mark Attard ipprezentat fid-19 ta’ Lulju 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati u tilliberah mill-bqija u hekk tilliberah minn kull htija u piena.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta’ l-appellant hu maghmul jikkonsisti fis-segwenti:

“L-esponenti nsista illi ma kienx hemm il-prova ta’dak li kien qed jinghad fl-ittra ghala ttiehdu proceduri kontra tieghu. Gew esebiti dokumenti li juri illi waslu xi ittri, iffirma xi hadd ghalihom pero` fihom ma kienx hemm il-firma tieghu hlief f’wahda.

"Illi l-istess dipartiment kien jaghti koncessjoni illi ghallinqas ikun baghat tliet darbiet u nforma lill-persuna tliet darbiet. F'dan il-kaz il-prova kienet wahda.

"Hawnhekk tidhol il-kwistjoni tal-prattika amministrattiva illi jekk l-istess dipartiment ikun ikkonceda terminu u/jew inkella prassi amministrattiva li ghallinqas jibghat ghal wiehed tliet darbiet, u dan ma jirrizultax u din il-prassi tirrizulta, allura hawnhekk ma jistax jinghad illi bniedem ikun kiser il-ligi ghaliex fil-kaz partikolari tieghu d-dipartiment ikun joghgbu mbaghad ibiddel dik il-prattika u dik il-procedura bi skapitu tieghu."

**6.** Din il-Qorti ezaminat id-dokumenti li gew esebiti quddiem l-ewwel Qorti. Fosthom hemm tliet ittri bil-*pink cards* relattivi ndikanti li l-ittri in kwistjoni ntbaghtu fl-indirizz tan-negozju ta' l-appellant. Ghalkemm wahda biss mill-*pink cards* tidher iffirmata mill-appellant, quddiem din il-Qorti l-appellant ma xehedx u allura ma hemm l-ebda evidenza li turi li uhud mill-ittri ma waslux ghand id-destinatarju taghhom. F'dar-rigward huma rilevanti s-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 73 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta:

**"(2) Kull avviz li huwa mehtieg li jinghata mill-Kummissarju jew minn xi persuna ohra taht dan l-Att jista' jigi notifikat lil persuna sew personalment sew billi jintbaghat bil-posta. Kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja, notifika ta' avviz mibghut bil-posta tkun ippruvata permezz ta' evidenza li dak l-avviz kien gie indirizzat u impostat sew u ghandu jitqies li jkun gie notifikat, fil-kaz ta' indirizz f'Malta mhux iktar tard mit-tielet jum li jigi wara l-jum meta dan ikun gie impostat, u fil-kaz ta' indirizz barra minn Malta fil-jum li jigi wara dak il-jum meta l-avviz kien jigi ricevut fil-kors ordinarju tal-posta ….**

**"(3) Ghall-ghanijiet tas-subartikolu (2) avviz jitqies li jkun gie indirizzat sew jekk dan ikun gie indirizzat fin-negozju jew fl-indirizz privat ta' persuna, u indirizz moghti minn persuna lill-Kummissarju ghandu jitqies bhala l-indirizz ta' dik il-persuna kemm-il darba u**

**sakemm ma jinghatax avviz ta' bdil ta' indirizz minn dik il-persuna lill-Kummissarju."**

**7.** Inoltre m'hemm xejn fil-ligi li tghid illi l-Kummissarju huwa obbligat li jibghat tliet avvizi. Fi kwalunkwe kaz f'dan il-kaz m'hemm l-ebda prova kuntrarja fis-sens li n-notifiki ma sarux. Anzi hemm prova cara u inekwivoka ohra illi l-appellant gie notifikat fil-minuta datata 4 ta'Ottubru 2010 li kiteb l-ispettur tal-VAT Vincent Vella u rizultanti mid-Dok. VV1. F'din il-minuta nkiteb hekk: *"On 27/8/2010 Mr Charles Portelli, the taxpayer's accountant phoned. Mr. Portelli stated that taxpayer has no such records since these were lost in a fire at his home. The police report was requested, but up till now no reports have been received."* Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant ukoll jghid illi gew distrutti diversi dokumenti bi hruq, ghalkemm jghid illi dan kien fil-garaxx tieghu. Jghid ukoll fl-istess rikors illi huwa ma jifhimx fil-karti illi jinzammu wisq u kien ihalli l-aktar f'idejn l-*accountant* tieghu. In sostenn tal-fatt li kien hemm hruq l-appellant ipproduca d-Dok. MA1 konsistenti f'ittra akkompanjanti cekk favur l-appellant minn MelitaUnipol Insurance Agency Ltd dwar hruq li kien hemm fis-17 ta' Novembru 2008 (mhux 11 ta' Novembru 2008 kif hemm indikat fis-sentenza appellata). Konsegwentement l-aggravju ta' l-appellant huwa michud.

**8.** Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti kienet sodisfatta mill-provi migjuba dwar il-hruq, tant li sabet lill-appellant hati biss rigward in-nuqqas tieghu li jipproduci dokumenti minn wara li kien sehh il-hruq. Pero` l-appellant ma setax juza l-avveniment tal-hruq bhala skuzanti ghan-nuqqas li jipproduci dokumenti anke dwar il-perijodu wara li sehh dak il-hruq. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta fis-sejbien ta' htija tieghu in kwantu kien jirrigwarda s-sena 2009. Issa, Vincent Vella xehed quddiem din il-Qorti u kkonferma li wara li nghatat is-sentenza appellata, l-appellant ikkonforma ruhu u pprezenta id-dokumentazzjoni kollha mitluba. Ghalhekk m'hemmx aktar lok ta' l-ordni moghtija mill-ewwel Qorti biex l-appellant jikkonforma ruhu mal-ligi.

**9.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu ordnat lill-appellant sabiex fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza appellata jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta’ hmistax-il euro (€15.00) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------